KUNSILL LOKALI

KALKARA

LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## It-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 5/2023

25 ta' Mejju 2023

Il-Kunsilli Lokali Kalkara Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1/ 2, Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, Kalkara, fit- 8 u nofs ta' filghodu.

### PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Wayne Aquilina | - Sindku |
| Vincent Bongailas | - Viċi-Sindku |
| Maria Sultana | - Kunsilliera |
| Speranza Chircop | - Kunsilliera |
| Christopher Bruno | - Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (0)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma Kienx hemm

**ASSENTI:**

Ma kienx hemm

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Elaine Caruana - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa

**5.1** **Qari ta' ittri ta' apoloġija**

**5.1.** Ma kellniex.

**5.2** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti**

**5.2.1** Il-minuti ta' seduta numru 4.23 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

**5.2.2** Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Vincent Bongailas u ssekondata mis-Sinjura Speranza Chircop l-minuti ġew approvati unanimament.

**Punti mill-Minuti Preċedenti :**

**5.3** A. Punt 4.4.A Festa Ħelu 2023

Is-Sindku qal illi jinsab ferm kuntent għal kif żvolġiet din l-attivita' avolja kellha tiċċaqlaq ħabba x-xita però rnexxiet u rnexxiet bi kbir anka minn ħabba l-fatt illi kien hawn konkorenza kbira u kien ta' pjaċir li tara familji u tfal jieħdu pjaċir flimkien.

B. Punt 4.7.A Trimming Siġar u dawl Pjazza Sagra

Beda l-proċess tal-applikazzjoni mal-entitajiet ikkonċernati skond il-liġi biex jinqatgħu dawn is-siġar. Kif ukoll is-Sindku żied jgħid illi għandna wkoll il-ħaddiema tar-Reġjun magħna fejn qed jagħtu 'up keep' tal-Pjazza kollha. Sar ukoll railing fit-taraġ San Ġużepp fuq rikjesta tar-residenti stess. Ser ukoll qed jiġi rranġat id-dawl b'permezz ta' trinek biex jitnaqqsu l-wires imdendlin minn barra.

C. Punt 4.7.B U 4.8 Sitwazzjoni Patist Borda u Villa tal-Ammirall

Is-Sindku nforma l-kunsill illi Villa tal-Amirrall m'għadiex taqa' taħt il-Ministeru tal-edukazzjoni imma saret issa proprjetà ta' Heritage Malta. Tajjeb li wieħed jgħid illi wara ħafna pressjoni minn naħa tiegħu l-ġebel li waqa' ġie mneħħi mill-cleansing directorate kif ukoll hu stess diġà kellu

laqgħa mas-CEO ta' Heritage Malta fejn ukoll marru site visit ġol-istess Villa fejn wieħed seta' jara' illi dan is-sit tant prestiġġjuż għandu bżonn tidwira però m'hemmx xogħol ta' sfreġju kbir. Sar ukoll hoarding madwar dan iċ-ċint li waqa' bħala 'safety' fiż-żona.

Is-Sur Bruno staqsa jekk jistax il-kunsill jippreżenta pjan għal din il-villa u s-Sindku qal illi ġa għaddej f'diskussjonijiet però fadal x'jiġi ddiskutut u ser ikun qed jiġi lura għand il-kunsill bi proposti lesti għad-diskussjoni. Wieħed irid jistenna l-fatti qabel ikun jiġi diskuss 'way forward' u tipi ta' porposti.

## 5.4 Komunikazzjonijiet mis-Sindku:

1. **Rikonoxximent lill Kap tal-iskola** – Is-Sindku nnota illi l-kap tal-iskola spiċċa u fil-fehma tiegħu bħal ma jsir dejjem u anke etikament wieħed għandu jaħseb biex bħala kunsill jiġi rregolat 'token' bħala grazzi ta' kemm sibna appoġġ minn naħa tiegħu f'dawn il-ftit xhur li kien ilu magħna.

Is-Sinjura Sultana żiedet tgħid illi veru li kien ilu ftit magħna però għamel differenza kbira kemm fl-iskola u kemm fl-amministrazzjoni eċċetra.

Il-kunsill qabel unanimament illi għandu jinxtara rigal ta' ringrazzjament bħala tifkira. Inkluż email formali f'isem il-kunsill bħala ringrazzjament.

2. **Aktar Fondi mill-Lesa** – Is-Sindku nforma l-kunsill illi wara ħafna pressure minn naħa tiegħu u mill-kap finanzjarju tal-kunsill mal-awtorita' tal-LESA bi pjaċir qal illi żieduna aktar minn 4k oħra biex inkomplu inkopru l-ispiża tal-van li qed jopera kuljum fil-Kalkara b'xejn għar-residenti tagħna.
3. **Suġġeriment / Proġett Santa Filumena** – Is-Sindku qal illi bħal ma jaf kulħadd qed isir żvilupp f'din iż-żona mill-privat u f'seduta preċedenti kienet diġa' ġiet diskussa l-possibilta' li jagħmel upgrade personalment l-akkwata ta' fejn qed jinvesti hu. Il-kunsill dak iż-żmien talab pjan u li dan il-pjan wasal fejn is-Sindku wkoll ippreżenta 'renders' lill-kumplament tal-kunsill biex jarawh huma wkoll, fil-fehma tiegħu qal illi l-area jekk veru għandha tiġi hekk l-akkwata ser tieħu 'upgrade' assolut bl-istess karateristiċi li diġa' għandha. Is-Sindku żied jgħid illi waqt meeting ukoll li kellu ma' IM fejn fid-diskussjoni ġie wkoll imsemmi illi bħala kunsill għandu jsib żoni fejn jista' jiġi pavimentati

jew exposed aggregate biex dejjem wieħed ikolli żoni isbaħ minn asphalter tas-soltu.

Il-kunsill qabel fuq dan l-upgrade bil-marki għan-numru ta' parkeġġi u s-siġar issuġeriti. Is-Sindku qal illi ser ikun qed jiddiskuti mal-investitur u jiġi lura bir-risposti quddiem il-kunsill.

4. **Bajja ta' Rnella-** Is-Sindku qal illi fil-ġranet li għaddew saret operazzjoni kbira tat-tneħħija ta' ġebel mill-bajja ftit tal-jiem ilu mid-direttorat tal-cleansing bħala għajnuna għal kunsill bi preparazzjoni għas-Sajf 2023. Dan l-eżerċizzju sar pero' wieħed jista' jara illi sal-lum diġa' l-baħar reġa' tella' ammont ta' ġebel ieħor sfortunatament. Is-Sindku qal illi n-natura u l-klima nbiddlet u wieħed bħal ma kemm il-darba ġie diskuss hemm bżonn ta' riġenerazzjoni sħiħa taż-żona għaliex il-bqija dan ser ikun kollu xogħol fil-vojt. Is-Sindku qal illi wkoll kellu meeting ma' entitajiet differenti anke 'on site' fejn kull entita' ser tkun qed tagħti semha kif tista' biex sas-Sajf li hemm periklu jingħata attenzjoni mmedjata, pero' aktar minn hekk wieħed irid jistenna li ssir riġenerazzjoni sħiħa.

5. **Fondi Reġjun Port –** Il-President tar-Reġjun qiegħed jissuġġerixxi minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja delikata tal-kunsill minħabba xi forsi possibilment ta' sekwestru, jekk jistax jgħina mil-għat ta' 'cash flow' bħala għajnuna imbgħad jingħataw lura lilu bil-mod b'mentalita' ta' safeness just in case jiġri xi ħaġa. Il-kap finanzjarju qalet illi din mhux xi ħaġa 'normali' u li fil-fehma tagħha m'hijiex xi ħaġa li għandha ssir dan ukoll il-għaliex mhux ħa ssolvi l-ebda problema finanzjarja preżenti tal-kunsill. Hi qalet li ser tkun qed tiċċekja mad-dipartiment fuq din il-kwistjoni bħala gwida qabel wieħed jagħti risposta defenittiva lir-Reġjun. Wieħed għandu japprezza dan is-suġġeriment mill-President tar-Reġjun bħala għajnuna lill-Kunsill Lokali tal-Kalkara. Is-Seg Eżek ukoll infurmat il-kunsill illi fil-ġranet li ġejjin ser tkun qed tippreżenta każ finanzjarju mal-Ministri kkonċernati b'talba formali ta' ammont ta' flus li għandha tiżdied l-allokazzjoni tal-kunsill kull sena biex is-sitwazzjoni finanzjarja tittranġa la darba tintlaqa' din it-talba.

6. **Evaluation report- Call for quotes AACC**

Is-Sindku flimkien mas-Seg Eżek spjega l-proċess ta' evalwazzjoni mill-board maħtur mill-kunsill fuq din is-sejħa għal kwotazzjonijiet biex finalment isir iċ-ċentru għal anzjani fejn ukoll spjegaw illi kien hemm 2 interessati fejn wieħed minnhom intalab xi klarifiċi fuq ħafna affarijiet li kellu neqsin u dan ma ġiex lura bir-risposta u li avolja kien l-irħas il-board issuġerixxa illi għandu jaqa' awtomatikament u jittieħed mill-interessat l-ieħor la darba kellu kollox hekk kif kien mitlub fil-kwotazzjoni stess.

Il-kunsill qabel unanimament mal-evalwazzjoni tal-board u għar-rapport u ser jitkompla l-proċess biex jitellgħu d-dokumenti tar-riżultati online kif suppost fuq is-sistema tal-EPPS biex finalment jinbeda x-xogħol fuq dan il-proġett.

7. **EWWR Rebħ ta' Award –** Is-Sindku bi pjaċir ħabbar illi l-bieraħ waqt l-awards tal-European Waste Reduction week il-kunsill lokali tal-Kalkara rebaħ l-award b'abbinament ta' premju ta' elf ewro biex

jintefqu f'xi ħaġa favur l-ambjent. Dan l-award intrebaħ wara l-inizjattiva li l-kunsill ħa bl-għajnuna tal-ħaddiema kollha fejn infetaħ ħanut tal-ħwejjeġ fejn l-impenn gie ppremjat bi sħiħ mill- Wasteserv. Riżultat posittiv anke għal ħaddiema tagħna.

8. **Skema 'Clean up'**

Is-Sindku nforma l-kunsill illi ser ikun qed japplika bħala kunsill għal din l-iskema b'involviment tal-entitajiet sportivi u każini tal-baned biex issir ġurnata ta' clean up. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta u biex tintefa' l-applikazzjoni skond id-data stipulata.

9. **Proġett tax-Xatt** – Is-Sindku qal illi veru għaddej ġranet diffikultużi fejn jidħol il-proġett tax-Xatt u li qiegħedin fi stadju ta' tweħħil mix-xogħolijiet tal-proġett. Wasalna sa nofs iz-zuntier bix-xogħolijiet fejn hemm hekk irid isir culvert bħala connection minn fejn il-knisja u r-restaurants tax-Xatt. Sa din il-ġimgħa ser ikomplu jaħdmu l-pjazzetta fejn kien hemm il-funtana. Is-Sindku qal illi ilu 3 t'ijiem meetings mal-owners tal-ħwienet GHRC u ħaddiema. Jekk mhux ħa jkompli l-kuntrattur prattikament jista' jieqaf u jitlaq banda oħra minn naħa l-oħra jekk il-kuntrattur ma jieqafx u jkompli ser timxi fażi oħra mill-proġett. Jekk ukoll ikompli għandna problema bi Triq Santa Filumena illi dawn mhux ħa jkollom minn fejn joħorġu b'soluzzjoni ta' lights biex Rinella street tiġi temporanjament 2 ways għar-residenti biss. Is-Sindku żied jgħid illi hemm reżistenza mill-ħwienet ħabba raġunijiet ovvji.

**Soluzzjoni 1** Titlob x'hemm u x'ma hemmx permessi u tħalli 'l min għandu kollox irregolat bil-liġi.

**Soluzzjoni 2** L-imwejjed u s-siġġijiet jitmexxew fil-pjazzetta li ser tkun lesta fil-jiem li ġejjin.

Is-Sindku qal illi dan ħa jġieb miegħu problemi , ilmenti, ġenn u aktar imma l-affarijiet iridu jsiru biex sa fl-aħħar jitkompla x-xogħol li hemm bżonn fl-aħħar fażi tal-proġett. Is-Sindku talab il-kunsill ikun kawtel meta jiġu biex jirrispondu n-nies ħalli ma jikkumplikawx iktar l-affarijiet.

Fir-rigward il-festa hemm il-possibilta' la darba ma jinstabux kumplikazzjonijiet tinfetaħ il-Pjazza għal jiem tal-festa.

## 5.5 Korrespondenza:

**Ċekkijiet ikkanċellati-** Is-Seg Eżek infurmat il-kunsill illi ġa la darba cheque ġie imħassar jew ikkanċellat għal xi raġuni jew oħra s-Seg Eżek għandha dejjem tinforma l-kunsill b'dawn iċ-ċekkijiet u jiġu approvati mill-kunsill li ġew kkanċelati l-għaliex hi qatt ma għamlet din il-biċċa tax-xogħol.

Il-kunsill qabel unanimament illi ċ-ċekkijiet ikkanċelati matul il-sena 2022 ġew kollha approvati mill-kunsill wara spjegazzjoni għalfejn tħassru jew ġew ikkanċelati mis-Seg Eżek.

**Financial Statements / Audit 2023 –**

Il-kunsill qabel unanimament illi d-dokument finali tal-audited financial statements' ġew approvati biex b'hekk is-Seg Eżek tkun tista' tipproċedi b'dak li hemm bżonn biex tingħalaq l-audit għas-sena 2022 biex finalment tintbgħat il-management letter u l-kunsill permezz tas-Seg Eżek tkun tista' tiġi mwieġba qabel id-dati stipulati mill-liġi stess bħal kull sena.

**Installazjoni ta' lift Għaqda muzikali San Ġużepp –** Is-Sindku nforma l-kunsill dwar talba mill-każin tal-Malta fejn dawn qed jitolbu l-kunsill jitfa' applikazzjoni f'isimhom biex jinġiebu 'DPF funds' biex huma jkunu jistgħu jagħmlu lift fil-każin tagħhom stess. Is-Seg Eżek ġiet mitluba tiċċekkja ftit l-affarijiet sewwa qabel ma' wieħed jieħu deċiżjoni minħabba l-fatt illi d-dpf funding tal-kunsill ġie diġa' miftihem fuq proġett ieħor apparti kwistjoni ta' etika ma' għaqdiet oħra fl-istess lokal.

**Ftehim Bus Shelters**

IS-SINDKU NFORMA L-KUNSILL ILLI BħALA KUNSILL SER INKUNU QED NAgħTU L-LEAD IL-AKL BIEX JIEĦU ĦSIEB DAN IL-FTEHIM MAL-KUMPANIJA LI TIEĦU ĦSIEB dawn ix-xogħolijiet biex b'hekk jitkompla x-xogħol fuq proposti wkoll li konna tajna aħna ta' bus shelters ġodda fil-lokal.

**<u>5.6 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera;</u>**

**<u>1 Vincent Bongailas</u>**

Fondi għal annimali.

Il-Viċi Sindku talab lis-Seg Eżek illi la darba nirċievu xi email fuq dan ir-rigward tajjeb li tinfurmah bih biex bħala kunsill napplikaw għal fondi minn naħa tagħna.

**<u>2 Maria Sultana</u>**

Is-Sinjura Sultana qalet illi wieħed għandu jkun konxju illi l-ktieb li ser tixtri il-ktieb għal prize day tal-iskola ta' Verdala wieħed jaf jara differenza fil-prezz il-għaliex għolew ħafna. Riedet tinforma l-kunsill dwar dan u kkonfermat illi ser tkun qed tiġi rċevuta fiskali bħas-soltu.

Is-Sinjura Sultana qalet illi Jum il-Libreija ser tkun qed tagħti konferma ta' data għal din l-attivita' u ser tkun qed titkellem mas-Sindku dirett fuq data ħalli tinbeda l-loġistika għal din l-attivita' bil-parteċipazzjoni tat-tfal tal-iskola Primarja tal-Kalkara bħas-soltu.

**1 Speranza Chircop**

- Ħarġiet Kulturali

Is-Sinjura Chircop infurmat il-kunsilli illi l-ġurnata lejn Sqallija rnexxiet , t-temp ppermetta kienet fully booked u n-nies ħadu pjaċir ħafna. Tinsab ferm kuntenta b'dan.

Is-Sinjura Chircop infurmat il-kunsill fuq ħarġiet / attivitajiet li ser tkun qed torganizza fil-ġranet li ġejjin.

Jum il-Missier ħarġa kulturali, ħarġa għal irġiel. Aktar informazzjoni fil-jiem li gejjin.

Ħarġa oħra anzjani u familja ġewwa Għawdex għal 20 ta' Ġunju 2023.

- Transport

Is-Sinjura Chircop resqet ilmenti quddiem il-kunsill fejn mill-belt qed jiġu tard il-Kalkara u li ċerti stages jinqabżu għax ma jkunx hemm nies għal dik iż-żona.

- Laqgħa 'Dimensia'

Is-Sinjura Chircop infurmat il-kunsill illi attendiet laqgħa mas-Sur Carmelo Damato waqt laqgħa informali flimkien mas-Sindku fejn ukoll reġa' kellem lis-Sinjura Chircop fejn wera x-xewqa li ssir laqgħa biex ssir talk lejn nies bid-'dimensia'. Ser issir fl-14 ta' Ġunju biex issir din il-laqgħa fiċ-ċentru Parrokjali wara wkoll li hi għamlet l-arranġamenti neċessarji mal-Kappillan biex din issir. Din hija laqgħa tajba għal min jieħu ħsieb in-nies li jbgħatu mid-'dimensia' jew anke forsi li jbgħatu mid-'dimensa'.

Is-Sindku qal lis-Sinjura Chircop illi tajjeb li tiċċekja tistax issir l-iskola minħabba x-xogħolijiet li għadejjin fiż-żona tax-Xatt ħabba saħħa u sigurta lill-anzjani stess.

**Housing Estate Rinella**

Is-Sinjura Chircop talbet l-għajnuna biex arbli temporanji jitneħħew dan wara x-xogħolijiet mill-Housing lesti u dawn l-arbli baqgħu hemm.

Is-Sinjura Chircop infurmat il-kunsill li attendiet laqgħa dwar laqgħa social impact assessment fejn il-kunsilli ġew mgħarfa li ser ikun qed isir studju u ser inkunu qed niġu nfurmati b'kollox via emails biex ukoll bħala kunsill inkunu nistgħu nagħtu l-opinjonijiet tagħna wkoll.

## 5.7 Punti Ġenerali

Is-Sinjura Maria Sultana qalet illi l-ħmieġ tal-klieb qed jintefa' fil-bin tal-entratura tal-iskola u tixtieq li ssir notifika ħdejn dan il-bin ħabba din ir-raġuni.

**A Vince Bongailas**

- Karozzi Dawret Giovanni Bichi

Is-Sur Bongailas qal illi jrid isir infurzar fiż-żoni għal campers , tal-linji mitluqin, caravans, vannijiet freezers etc. Qed jissuġerixxi li ssir 'bye law' biex wara s-7 dawn it-trakkijiet ma jibqgħux jinżammu fit-toroq ġo parkeġġi normali.

- It-triq li tagħti għal Fort Ricasoli

Is-Sur Bongailas qal illi wieħed għandu jiċċekja l-proġett fiex wasal tal-via ducts li hemm fiż-żona tal-Bajja ta' Rnella.

## 5.8 Mistoqsijiet lis-Sindku:

Is-Sinjura Sultana xtaqet tistaqsi lis-Sindku jekk hux possibbli jsiru l-arranġamenti neċċessarji biex qabel tinfetaħ it-triq tax-Xatt la darba x-xogħolijiet ta' riġenerazzjoni jaslu fi tmiemhom , isir tindif u jingħata 'up keep' kif suppost mill-mina l-ġewwa.

Is-Sindku qal illi ser ikun qed jagħmel infurzar anke mal-ħaddiema tal-kunsill stess biex nagħtu ż-żona 'lift up' wara xhur ta' abbandun ħabba x-xogħolijiet li qed isiru.

Is-Sur Christopher Bruno xtaq isaqsi lis-Sindku jekk hux possibbli tiġi organizzata laqgħa bejn il-partijiet kollha inkluż il-kunsill u l-GHRC fuq l-irbit tad-dgħajjes in-naħa tax-Xatt tal-Kalkara b'kontinwazzjoni max-xogħol li qed isir fil-preżent ta' riġenerazzjoni.

Is-Sindku qal illi tajjeb li l-kunsill ikun jaf illi fuq din il-kwistjoni kellu laqgħa importanti mal-assoċjazzjoni mażri allura talab is-Sur Bruno jitlob aktar informazzjoni 'huma' hekk kif semma hu minuma. Huma l-istess nies li kellhu l-laqgħa magħhom is-Sindku? Għal lura tajjeb li wieħed ikollu aktar informazzjoni abbażi ta' kemm kulħadd jaf is-sitwazzjoni ta' irbit u dgħajjes hija kumplikata mmens. Is-Sindku kkonferma li żamm kuntatt dirett ma' dawn in-nies saħansitra sejjaħ din il-laqgħa u ċertu issues qed jiġu itrashjati mal-ewwel.

## 5.9 Mozzjonijiet

Ma kienx hemm

5.10 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti.**

Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda kienet intbgħatet via email aktar kmieni din il- ġimgħa biex kull kunsillier ikollu ċans jagħtiha titwila kif suppost qabel japprova l-istess pagamenti .

Fuq proposta tas-Sa. Speranza Chircop ssekondata mis-Sur Christopher Bruno, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' ħlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A). 5.23

**5.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Is-Seduta ntemmet fil-11:00am wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għat-22 ta' Gunju 2023 fl 11:00 ta' filghodu.

Konfermati, illum ______________________________

______________________
**Wayne Aquilina**
Sindku

______________________
**Elaine Caruana**
Segretarju Eżekuttiv